- KORREZZJONI FL-ATT TAT-TWELID -
- DIRETTUR REGISTRU PUBBLIKU –
- DEJJEM MAGHRUFA B'TALI ISEM -

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 16 ta' Mejju 2002**

**Kawza Numru: 29**
**Citazzjoni Numru: 128/02/RCP**

**Marguerite Zammit Maempel**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi fil-21 ta' April, 1950, twieldet Marguerite Psaila (illum mizzewga Zammit Maempel) u t-twelid taghha gie rregistrat fir-Registru Pubbliku b'Att ta' Twelid bin-numru tar-registrazzjoni 3811/50;

Illi fl-imsemmi Att ta' Twelid jezisti zball fis-sens illi isimha gie erronjement imnizzel bhala "Margaret", meta fil-fatt jisimha "Marguerite", isem li minn dejjem kienet maghrufa bih;

L-istess attrici talbet li din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi fl-imsemmi Att ta' twelid ta' Marguerite Psaila, numru ta' registrazzjoni 3811/50, jezisti zball in kwantu isimha ghandu jkun Marguerite u mhux Margaret u kwindi

2. Tordna lill-konvenut jeffetwa l-korrezzjoni ta' imsemmi Att ta' Twelid ta' Marguerite Psaila, numru 3811/50 billi fil-kolonni "Ismijiet Moghtijin" u "isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha", l-isem "Margaret" jigi sostitwit bl-isem "Marguerite"; u

3. Tordna li dan il-bdil fl-Att tat-Twelid imsemmi ta Marguerite Psaila, numru 3811/50, jigi rifless f'kull att ta' l-istat civili relattiv ghal Marguerite Zammit Maempel nee' Psaila.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 6 tal-process;

Rat il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern tal-5 ta' Marzu 2002.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn gie eccepit:

1. Illi huwa mhux edott mill-fatti kif dikjarati fic-citazzjoni odjerna;

2. Illi ghandu isir id-debitu avviz fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap 16;

3. Illi l-esponent m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez tal-kawza odjerna;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat il-verbal tallum is-16 ta' Mejju 2002 fejn Dr Michael Zammit Maempel ghall-attrici prezenta nota b'zewg dokumenti u l-attrici prezenti kkonfermat id-dikjarazzjoni attrci

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din hija kawza dwar talba ghall-korrezzjoni fic-Certifikat tat-Twelid ta' l-attrici, numru 3811/50 *stante* li l-istess attrici qed isostni li dejjem kienet maghrufha bl-isem ta'

"Marguerite" u mhux "Margaret" kif jinsab indikat fl-istess Certifikat.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici lkoll gew ippruvati, u fil-fatt lanqas biss huma kontestati, u jidher palezament li sar zball fic-Certifikat tat-Twelid ta' l-istess attrici, fis-sens illi gie ndikat erronjament l-isem "Margaret" meta fil-fatt l-isem korrett huwa "Marguerite", u dan jirrizulta wkoll mid-dokumenti esebiti fil-kawza *seduta stante*.

Illi dan jinsab ikkonfermat mic-certifikat taz-zwieg tal-attrici Nru 521/1972 Dokument B li jindika li l-attrici dejjem kienet maghrufa bl-isem ta' "Marguerite" u mhux "Margaret".

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi** billi **tilqa' t-talbiet attrici** kif dedotti fic-citazzjoni, b'dan illi:-

1. Tiddikjara illi fl-imsemmi Att ta' twelid ta' Marguerite Psaila, numru ta' registrazzjoni 3811/50, jezisti zball in kwantu isimha ghandu jkun Marguerite u mhux Margaret u kwindi;

2. Tordna lill-konvenut jeffetwa l-korrezzjoni ta' imsemmi Att ta' Twelid ta' Marguerite Psaila, numru 3811/50 billi fil-kolonni "Ismijiet Moghtijin" u "isem jew Ismijiet li bih/bihom

it-tarbija ghandha tigi msejha", l-isem "Margaret" jigi sostitwit bl-isem "Marguerite"; u

3. Tordna li dan il-bdil fl-Att tat-Twelid imsemmi ta Marguerite Psaila, numru 3811/50, jigi rifless f'kull att ta' l-istat civili relattiv ghal Marguerite Zammit Maempel nee' Psaila.

Illi l-Qorti tordna ukoll li *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghanda issir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dak in-nhar li s-sentenza tghaddi f'gudikat u ghandha issir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess disposizzjonijiet tal-**Kap 16.**

Illi dwar il-kap tal-ispejjez dawn ghandhom jigu ssoportati mill-istess attrici, *stante* li ma jirrizultax mill-provi li tali zball kien imputabbli ghal xi raguni lill-konvenut odjern.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**16 ta' Mejju 2002.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**16 ta' Mejju 2002.**